# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 3 ta' Ottubru 2024**

**Numru 9**

**Rikors numru 1268/2023/1 MH**

**North by Northwest GmbH soċjetà rreġistrata ġewwa l-Ġermanja kif irrappreżentata hawn Malta mill-Avukat Dottor Adrian Camilleri**

**v.**

**Il-Bastiment "MSC Valencia" (IMO 9301471)**

**Il-Qorti;**

1. Dan huwa appell li qed isir mill-bastiment MSC Valencia (IMO 9301471) fuq struzzjonijiet tas-sid tal-istess vapur AM Asia M14 Limited, wara sentenza tal-Ewwel Qorti li kkundannat lill-vapur iħallas lis-soċjetà attriċi bħala kreditriċi tal-vapur, is-somma ta' €1,931,303.22 dovuti għal *bunkers* suppliti lill-istess vapur.

2. Bħala sfond għal dan l-appell jiġi rilevat illi l-vapur kien mikri lis-soċjetà MS MSC Valencia Schiffahrtsgesellschaft mbH mis-sidien tal-vapur bħala *bareboat charter* fil-31 ta' Lulju 2019, liema ftehim jidher li sal-lum għadu fis-seħħ.

3. Jidher ukoll illi l-istess *bareboat charterer* appunta lil Hammonia Reederei GmbH & Co. KG bħala *manager* tal-bastiment u dan ġie aċċettat mis-sid. Il-*manager* hija *parent company* tan-nollaġġatur.

4. F'xi żmien il-vapur ordna *bunkers.* Il-kreditu ma tħallasx. Għal dan id-dejn, il-*manager* ħallset għal *bunkers,* b'surroga favuriha tal-kreditu u assenjat il-kreditu lis-soċjetà attriċi, li fetħet il-kawża kontra l-bastiment. Is-sid qed jallega fir-rikors tal-appell li dan kollu sar bi preġudizzju għas-sid tal-vapur billi fil-ftehim dwar l-ingaġġ tal-*manager* tal-bastiment, l-istess *manager* ma setax, mingħajr il-kunsens tas-sid jieħu ebda azzjoni dwar debitu li jaqbeż nofs miljun dollaru. B'dak li għamel, il-*manager* evada l-obbligu tiegħu billi flok dar kontra n-nolleġġatur għall-ħlas, assenja l-kreditu sħiħ lil terz li aġixxa direttament kontra l-vapur għall-ħlas sħiħ tad-debitu. Skont l-appellant dan għandu xamma ta' kollużjoni u qerq fil-konfront ta' sid ta' vapur. Dan fil-fatt hu l-bażi li fuqha s-sid tal-bastiment qed isostni l-*locus standi* tal-bastiment f'dan l-appell.

5. Il-kawża li wasslet għall-appell infetħet bil-proċedura sommarja taħt l-**Artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** mit-terz kreditur li lilu ġie assenjat il-kreditu kontra l-vapur *ai termini* tal-**Artikolu 742B(o)** tal-**Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** li jgħid li l-Qrati tagħna għandhom ġurisdizzjoni *in rem* kontra l-vapur għal kull pretensjoni ta' *bunkers* u l-**Artikolu 742D** li jiddisponi li l-azzjoni tista' issir direttament kontra l-vapur fejn il-persuna relevanti meta nħolqot il-kawża għall-azzjoni kienet is-sid jew nolleġġatur, jew kellha fil-pussess u kontroll tagħha l-vapur, jekk fiż-żmien meta tinġieb l-azzjoni l-persuna relevanti tkun sid jew nolleġġatur taħt *bareboat charter* tal-vapur.

6. L-**Artikolu 84A tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili** jipprovdi li:

> “"bareboat charter" tfisser kuntratt għan-nolleġġ jew sub-nolleġġ ta' bastiment, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ nolleġġ, għal perijodu stipulat ta' żmien, li bis-saħħa tiegħu n-nolleġġatur għandu jakkwista kontroll sħiħ u pussess komplet tal-bastiment inkluż id-dritt li jaħtar il-kaptan u l-ekwipaġġ tal-bastiment għalkemm idum in-nolleġġ iżda eskluż id-dritt li jbiegħ jew jipoteka l-bastiment;”

7. Il-persuna relevanti meta nħolqot il-kawża f'dan il-każ hu l-*bareboat charterer* kif rappreżentat mill-kaptan tal-vapur, li hu responsabbli għad-debitu kuntrattat minnu. L-istess persuna baqgħet in-nolleġġatur tal-vapur fiż-żmien li saret il-kawża. Għalhekk l-elementi tal-azzjoni *in rem* ġew sodisfatti.

8. Imiss li jiġi kkunsidrat jekk il-proċedura tal-**Artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** ġiex sodisfatt.

9. Is-soċjetà attriċi nnotifikat lill-aġent tal-vapur bil-kawża fl-indirizz reġistrat tagħha. Fl-ewwel dehra għas-smigħ dehru d-difensur tas-soċjetà attriċi, kif ukoll id-difensur għall-bastiment konvenut u l-kaptan tal-vapur li rrappreżenta l-vapur. Il-kaptan hu ngaġġat min-nolleġġatur. F'dik is-seduta d-difensuri tal-bastiment, kif rappreżentat mill-kaptan, iddikjaraw li kellhom struzzjonijiet min-nollegġġatur li ma jopponux għat-talba. Wara din id-dikjarazzjoni l-Qorti għaddiet biex laqgħet it-talbiet tas-soċjetà attriċi billi ġie meqjus li dan hu dejn ċert, likwidu u dovut.

10. Sid il-bastiment f'isem il-bastiment ressqet diversi aggravji bħala raġunijiet għaliex is-sentenza tal-Ewwel Qorti għandha tiġi revokata. Madankollu dak li ser jiġi deċiż f'din is-sentenza hi l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà attriċi li l-appell hu irritu u null għaliex l-appell ma ġiex ippreżentat minn min għandu d-dritt li jirrappreżenta l-vapur f'azzjoni *in rem.*

11. Il-punt tat-tluq għas-soluzjoni ta' din il-kwistjoni hi min hu l-leġittimu kontradittur f'azzjoni *in rem*. Azzjoni *in rem* hi waħda li ssir direttament kontra vapur. Il-leġittimu kontradittur hu l-vapur. Ma hemmx kwistjoni bejn il-partijiet li din hi kawża *in rem.* Is-sid tal-vapur appellant iressaq diversi aggravji b'danakollu ma jattakkax il-bażi tal-azzjoni. Azzjoni *in rem* trid fl-ewwel lok li s-suġġett tad-disputa jkun wieħed li jaqa' f'tali definizzjoni u kif ġa rajna d-disputa hi dwar kreditu ta' *bunkers* dovut min-nolleġġatur, li ġie f'idejn is-soċjetà attriċi b'assenjazzjoni ta' kreditu ċert, likwidu u dovut mill-*manager* tal-vapur, li ħallas id-debitu b'surroga. Il-ġurisdizzjoni tal-Qorti Maltija hi wkoll stabbilita, kif ukoll ġa rajna, billi l-persuna relevanti, f'dan il-każ in-nolleġġatur, kien dak li kkontratta d-dejn personalment jew f'ismu u meta saret il-kawża kien għadu n-nolleġġatur tal-bastiment.

12. Sodisfatti dawn l-elementi jrid jittieħed kont jekk ġietx segwita l-proċedura biex jiġi notifikat kif imiss il-vapur. L-**Artikolu 187(7)** tal-**Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** jgħid li f'azzjoni kontra l-

bastiment in-notifika ssir lill-kaptan jew fin-nuqqas lill-aġent tal-bastiment. F'dan il-każ għalkemm in-notifika tal-azzjoni ġiet notifikata lill-aġent tal-bastiment, fis-smigħ tal-proċeduri deher il-kaptan in rappreżentanza tal-bastiment u d-difensur tal-vapur in rappreżentanza tan-nolleġġatur.

13.. Ma hemm ebda obbligu li jiġi notifikat sid il-bastiment mit-terz li ressaq l-azzjoni. Jista' jkun hemm konsegwenzi legali li jinsorġu bejn in-nolleġġatur u s-sid għall-azzjonijiet li jittieħdu kontra l-bastiment, madankollu dan hu *res inter alios acta* għas-soċjetà attriċi li għandha kreditu mhux kontestat kontra l-vapur, kif jidher mill-atti prodotti.

14. Kif ġa ngħad il-kaptan bħala rapprezentant tal-vapur hu ngaġġat direttament min-nolleġġatur *bareboat,* li skont il-liġi għandu l-pussess effettiv u kontroll sħiħ tal-bastiment bid-drittijiet u obbligi li dan iġib miegħu.

15. Ladarba proċeduralment l-atti mxew skont il-liġi, u l-bastiment ġie notifikat kif trid il-liġi, in-nuqqas ta' oppożizzjoni tal-bastiment, kif rappreżentat mill-kaptan u d-difensur għan-nom tan-nolleġġatur, ifisser li l-bastiment konvenut, li għandu personalità sħiħa ġuridikament awtonoma li jidher fil-kawża, ammetta għat-talbiet attriċi.

16. U hawn għandu jiġi mistħarreġ il-*locus standi* tas-soċjetà proprjetarja tal-vapur bħala appellanta f'dawn il-proċeduri. Il-Qorti ma tarax kif is-soċjetà sid il-vapur tista' tressaq appell f'isem il-vapur li hu l-leġittimu kontradittur meta, apparti kull konsiderazzjoni oħra dwar jistax jirrappreżenta l-vapur meta quddiem l-Ewwel Qorti kien rappreżentat kif imiss, jistax isir appell min-nuqqas ta' oppożizzjoni jew aħjar ammissjoni ta' talba. L-**Artikolu 228(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** jgħid li ma hemmx appell mis-sentenzi mogħtija fuq ammissjoni ta' talba jew sentenzi li l-parti taċċetta bir-rinunzja għall-appell jew billi

toqgħod ghal dak li tkun qatgħet is-sentenza. F'dan il-każ hu ċar illi l-vapur kif proċeduralment u korrettement rappreżentat quddiem l-Ewwel Qorti apparti li ma opponix għat-talba u kwindi ammetta t-talba impliċitament.

17. Ma jistax jingħad li s-sid tal-bastiment qed jagħmel appell ta' terz interessat jekk wieħed jista' jagħmel dan minn proċedura taħt l-**Artikolu 167** tal-**Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Dan la hu dikjarat mill-istess sid u anzi l-appell sar direttament mill-bastiment li qagħad għall-ġudizzju tal-Ewwel Qorti. Għalkemm sid il-bastiment daħħal nota quddiem l-Ewwel Qorti biex jipprotesta għal dak li seħħ, jidher li dan sar wara li ngħatat is-sentenza u fejn il-proċess għalhekk kien magħluq. Ladarba din il-Qorti qed issib ostaklu għall-ammissibbiltà tal-appell kif magħmul, qed issib l-eċċezzjoni tas-soċjetà attriċi bħala mistħoqqa għar-raġunijiet fuq imsemmija u ma hemmx lok li din il-Qorti tikkunsidra l-lanjanzi l-oħra tal-appellant.

***Decide***

18. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà attriċi appellata u tiddikjara l-appell tal-bastiment kif magħmul bħala irritu u null. Spejjeż tal-appell għall-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss